

Brussell, 21 ta' Settembru 2018  
(OR. en)

11373/18

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0270 (NLE)**

---

**FISC 321**  
**ECOFIN 753**

**ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lir-  
Repubblika tal-Latvja biex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu  
193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur  
miżjud

---

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...**

**ta'...**

**li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex tintroduċi miżura speċjali  
li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE  
dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE, kwalunkwe persuna taxxabli li twettaq forniment taxxabli ta' merkanzija jew servizzi hija, bħala regola ġenerali, responsabbli għall-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) lill-awtoritajiet tat-taxxa.
- (2) Skont il-punt (j) tal-Artikolu 199a(1) tad-Direttiva 2006/112/KE, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT fuq il-fornimenti ta' metalli parzjalment maħduma ferrużi u mhux ferrużi tkun il-persuna taxxabli li lilha jsir il-forniment ("il-mekkaniżmu tar-reverse charge"). Il-Latvja ma għamlitx użu minn din l-għażla.
- (3) Il-Latvja reċentement skopriet riskju għoli ta' frodi tal-VAT fis-settur tal-metalli parzjalment maħduma ferrużi u mhux ferrużi u għalhekk tixtieq tintroduċi l-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-fornimenti domestiċi ta' daww il-prodotti.
- (4) Skont l-Artikolu 199a(1) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-mekkaniżmu tar-reverse charge jista' jiġi applikat sal-31 ta' Diċembru 2018 u għal perjodu minimu ta' sentejn. Billi l-kundizzjoni tal-perjodu ta' sentejn ma tistax tiġi ssodisfata aktar, il-Latvja ma tistax tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge abbażi tal-punt (j) tal-Artikolu 199a(1) ta' dik id-Direttiva.
- (5) B'ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fid-9 ta' April 2018, il-Latvja talbet, taħt l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, awtorizzazzjoni biex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 ta' dik id-Direttiva sabiex tagħmel ir-riċevitur responsabbli għall-ħlas tal-VAT għall-fornimenti ta' metalli parzjalment maħduma ferrużi u mhux ferrużi.

- (6) F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, b'ittra datata l-4 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni bagħtet it-talba magħmula mill-Latvja lill-Istati Membri l-oħra. B'ittra datata s-7 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Latvija li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.
- (7) Skont l-informazzjoni pprovduta mil-Latvja, ġew identifikati skemi ta' frodi tal-VAT fis-settur tal-prodotti tal-metall. Għalkemm il-Latvja introduċiet għadd ta' miżuri konvenzjonali biex tiġi miġġielda l-frodi tal-VAT, il-Latvja tqis li jeħtieġ li jiddaħħal il-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-fornimenti ta' metalli parzjalment maħduma ferrużi u mhux ferrużi sabiex jiġi evitat it-telf ta' dħul mill-VAT għall-baġit pubbliku.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li l-Latvja tiġi awtorizzata tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-fornimenti ta' metalli parzjalment maħduma ferrużi u mhux ferrużi għal perjodu limitat.
- (9) Il-miżura speċjali ma għandha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-ġbir tal-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

B'deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttva 2006/112/KE, il-Latvja hija awtorizzata tinnomina r-riċevitur tal-fornimenti bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT fil-każ tal-fornimenti ta' metalli parzjalment maħduma ferrużi u mhux ferrużi.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2018.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Latvja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---